**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 427 / 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**
**Vs**
**Ahmed Hamed**

Illum 2 ta' Gunju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Ahmed Hamed, iben Mohamed u Aber neè Homsija, imwieled is Sirja fl-10 t' Awwissu, 1996, u detentur ta' Passaport Sirjan bin-Numru 002 15 L 038197, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar tas-sena 2019, fuq il-bajja ta' San Gorg, fil-lokalità ta' San Giljan, minghajr kunsens ikkommetta kongungiment karnali ma' u ghad detriment ta' Patricia Morillo Lozano;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra Ahmed Hamed bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuni offizi jew individwi ohra, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-

persuna leza u jew t' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini ta' l-Artikolu 412 C tal Kap.9 tal Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija, oltre l-imposizzjoni tal- piena ai termini tal-Ligi, torbot lil Ahmed Hamed b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill Qorti, kif ukoll timponi Ordni ta' Trazzin, u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna ta' haddiehor u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, u dan ai termini ta' l-Artikoli 382 A u 383 tal Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar 16 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti iddikjarat li ma sabitx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u b' hekk illiberat mill-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat mhux hati ta' din l-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu, tiddikjarah hati u tghaddi biex tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li mill-provi mressqa quddiemha ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni l' hinn minn kull dubju ragonevoli, li fil-lejl ta' bejn it-tlieta u ghoxrin (23) u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-appellatminghajr kunsens, ikkommetta kongungiment karnali ma' Patricia Morillo Lozano, u konsegwentement illiberat lill-imputat.

Illi l-aggravju fir-rigward hu marbut mal-fatt li l-appellat gie illiberat mill-akkuza dedotta fil-konfront tieghu principalment a bazi tal-fatt li fir-rapport tal-esperi

Mediku Dr. Nicholas Felice ikkonkluda li ma sab l-ebda evidenza ta' trawma sesswali.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti innutat ukoll li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-verzjoni tal-vittma u dik tal-appellat. Madanakollu, fil-kaz odjern ma xehdux biss l-vittma u l-appellat, izda xehdu wkoll tlieta minn shabha li kienu hemmhekk fuq il-post ezatt wara l-incident u l-verzjoni taghhom ikkorroborat bis-shih l-verzjoni tal-vittma.

Illi meta l-Qorti tkun rinfaccatha b' verzjonijiet differenti tal-fatti, dan il-fatt wahdu ma ghandux awtomatikament jirrizulta fil-liberazzjoni tal-appellat. F' dan ir-rigward wiehed irid jaghti harsa lejn dak li jipprovdi Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***637. L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz: Izda attenzjoni partikolari ghandha tinghata sabiex jigi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imgiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u necessarja.***

Illi jekk nibdew mix-xhieda li tat taht gurament **il-vittma Patricia Morillo Lozano**, hija spjegat kif sehhew il-fatti dakinhar, u spjegat kif sakemm hi u l-appellat waslu fuq il-bajja ta' San Gorg, hi marret mieghu hemmhekk minn

jhedda ghaliex qatt ma basret x' kien ser jigrilha. Minn hemmhekkk hija kompliet tispjega kif f' daqqa wahda l-appellat imbuttaha ghal fuq darha fuq ir-ramel, qacctilha z-zip tal-qalziet, nizzlilha l-qalziet ta' fuq u ta taht u beda jifurzaha sabiex ikollu x' jaqsam maghha sesswalment. Il-vittma kompliet tispjega fid-dettal l-isforzi taghha sabiex tipprova tirrezisti lill-appellat milli jippenetraha u spjegat ukoll kif mhux ghal darba tnejn hija qaltlu biex jieqaf minn dak li kien qieghed jaghmel. Il-vittma kompliet tirrakkonta kif dawn l-isforzi fuqha min-naha tal-imputat irrizultaw f' diversi griehi fuq gisimha fosthom grif fuq wiccha minhabba r-ramel, ugiegh fix-xedaq (jaw), u anke ugiegh f' rasha u kellha tbengilha f' rasha li minhabba fiha damet gimgha ma tista torqod sewwa. In-naha ta' wara ta' rasha kienet mimlija qtugh u grief, kellha qatgha fuq ghonqha u anke demm. Kellha anke ugiegh f' kupptejha kkawzat mill-appellat meta pprova jifthilha saqajha.

Illi mistoqsija xi tfisser b' rape waqt id-depozizzjoni taghha, il-vittma wiegbet hekk: *"I mean he actually penetrated me even if I was screaming and asking him not to do it and tried to beat him to go away and I think that' s what rape means."* Din it-twegibha tal-vittma turi bic-car li fil-kaz odjern ezistew l-elementi kollha tar-reat hekk kif kontemplat fl-artikolu 198 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***198. (1) Kull min, minghajr kunsens, jikkommetti kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b' xi parti tal-gisem u, jew oggett, jew penetrazzjoni orali b' organu sesswali, ta' gisem ta' persuna ohra.***

Illi in oltre, il-vittma kompliet tispjega kif minn hemmhekk wara li lesta, l-appellat hallieha fuq il-bajja wehedha dizorjentata, u telaq l' hemm.

Illi di piu, il-Qorti semghet ukoll x-xhieda taht gurament ta' tlieta mill-hbieb tal-vittma li kienu maghha gewwa l-klabb Footloose gewwa Paceville fil-lejl li sehh l-incident. Dawn it-tlett xhieda huma **Estelle Blanc Oheo**, **Joanna Marcus De Almeine** u **Victor Palma Herrero**. Dawn it-tlett xhieda spjegaw lill-Qorti kif dakinhar, wara li sehh l-incident, kienu sabu lill-vittma bilqieghda fuq ghatba, titrieghed bil-bard, kollha imxarrba u bi hwejjigha kollha tajn u hmieg. Gie spjegat ukoll lill-Qorti l-istat agitat li kienet fih il-vittma, u li fil-fatt lanqas setghet titkellem sewwa, u kienet qeghda tgedwed xi kliem bl-ispanjol. Fil-fatt smajna lix-xhud Joanna Marcus De Almeine tixhed li mill-ftit Spanjol li hija tifhem, semghet lill-vittma tghidilhom il-kelma *violava* li tfisser stupru.

Illi l-Ewwel Qorti semghet ukoll lil Victor Palma Herrero jispjega kif xi jiem wara l-incident, huwa rega kien gewwa l-klabb Footloose u hemmhekk lemah lill-appellat li gharfu, u ghalhekk informa lill-pulizija, u fuq talba tal-pulizija, gab ukoll lill-vittma fl-istess klabb sabiex taghraf hi lill-imputat. L-istess xhud kompla jispjega li malli l-appellat induna u gharaf huwa stress lill-vittma, l-appellat hareg minn gewwa l-klabb bl-intiza cara li jahrab minn fuq il-post. Madanakollu malli hareg mill-klabb l-appelat sab lill-pulizija li arrestaw u tawh id-drittijiet tieghu.

Illi fl-istess proceduri xehdu wkoll **PS1320 Shaun Axiaq** u **PC485 Matthew Borg** li kienu z-zewg ufficcjali li arrestaw lill-imputat. Ix-xhieda taghhom ikkoroborat il-verzjoni tal-vittma u ta' Victor Palma Herrero fejn ikkonfermaw li l-atteggjament tal-appellat dakinhar tal-arrest meta induna li kien hemm il-vittma fil-klabb u li kienet gharfitu, kien atteggjament ta' persuna li kien ser jahrab minn fuq il-post.

Illi di piu, f' dawn il-proceduri ghazel ukoll li jixhed **l-appellat**. Ix-xhieda tal-appellat, fl-opinjoni tal-esponent ma kinitx wahda kredibbli. Nibdew bil-fatt li meta mistoqsi jekk kinitx xita dakinhar tal-incident, huwa irrisponda fin negattiv

meta x-xhieda kollha l-ohra kollha kkonfermaw li dakinhar tal-incident kienet wahda mill-aghar maltempati li qatt raw dawn il-gzejjer.

Illi in oltre, kienet il-Qorti stess li nnutat waqt il-kontro-ezami li ghal diversi drabi kienu qed isiru mistoqsijiet lill-appellat, u dan kien qieghed jahrab mill iwiegeb. Kien sahansitra wkoll imcanfar mill-istess Qorti meta ghazel li minflok iwiegeb ghall-mistoqsijiet li kienu qed isirulu, ghazel li iwiegeb *' x' inhu l-affari tieghek li qed tistaqsini din il-mistoqsija?'* Di piu, ghal diversi drabi l-appellat insista li ma kienx komdu li jaghmel s-sess ma' din it-tfajla, madanakollu minflok ma qabad it-triq u telaq minn hdejha, dan spicca biex kellu x' jaqsam maghha sesswalment billi fi kliemu stess *' dahhalt il-parti tieghi fil-parti taghha'* . Minkejja din l-iskumdita' kollha li beda jhoss fil-prezenza ta' din it-tfajla, irnexxielu xorta wahda jiffunzjona perfettament bhala ragel sesswalment u fil-fatt lesta mill-att sesswali, libes u telaq, u halla lil din it-tfajla hemmhekk wehidha dizorjentata.

Illi ghalhekk huwa car li meta wiehed jezamina l-kredibbilita' tax-xhieda li semghet l-Ewwel Qorti, facilment li wiehed jasal ghall-konkluzjoni li x-xhieda tal-vittma u ta' Estelle Blanc Oheo, Joanna Marcus de Almeine u Victor Herrero jikkoroboraw lil xulxin u johorgu car l-istat ta' paniku, biza u dizorjentazzjoni li kienet tinsab il-vittma wara li sfat stuprata mill-imputat. In oltre, ix-xhieda ta' PS1320 Shaun Axiaq u PC485 Matthew Borg jaghtu dawl ukoll fuq il-fatt li l-appellat ipprova jahrab meta rega ra lill-vittma granet wara, komportament bhal dan ma huwiex ta' bniedem li huwa innocenti.

Illi ghaldaqstant, fl-opinjoni umli tal-esponent, minkejja li l-espert mediku Dr. Nicholas Felice ikkonkluda li ma sab l-ebda evidenza ta' trawma sesswali, dan il-fatt bl-ebda mod ma jfisser li l-vittma ma sfatx stuprata fil-lejl ta' bejn it-tlieta u ghoxrin (23) u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019). Mir-ritratt esebiti fl-istess process jidhru carament il-griehi li sofriet l-vittma waqt li

kienet qieghdha tigi stuprata mill-appellat, l-istess griehi jikkombacaw mar-rakkont ta l-istess vittma.

Illi, fl-opinjoni umli tal-esponenti, wara apprezzament xieraq tal-fatti, jirrizulta li mill-porvi kollha migbura, jezistu l-elementi kollha tar-reat ta' stupru hekk kif kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi dan hu appell li gie intavolat mill-Avukat Generali u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-povi mismugha minnha tant li fil-fehma taghha l-Ewwel Qorti messha sabet lill-appellat hati tal-akkuza principali ta' stupru. **<u>Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.</u>** Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex **<u>tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha</u>**. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, **<u>ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.</u>**[1]

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta'

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **<u>R. v. Cooper</u>**[2] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines*
> *the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be*
> *quashed.[3]"*

Illi fl-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt[4]</u>**, inghad illi :-

---

Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

[2] ([1969] 1 QB 276)

[3] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta Dicembru, 1994

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, that ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Ghalhekk, din il-Qorti kellha terga tara u tifli x-xhieda gja prodotta u dan sabiex tara jekk l-ezercizzju li ghamlet l-Ewwel Qorti kienx wiehed skorrett u cioe' wiehed li ma kellux iwassal lil Qorti biex tillibera lill-appellat.

L-allegata vittma **Patricia Morillo Lozan**[5] xehdet nhar l-20 ta' Marzu, 2019 u spjegat li nhar it-23 ta' Frar, 2019 kien il-birthday taghha u bejn il-lejl tat-23 u 24 ta' Frar, 2019 ghamlet festin f'darha mal-hbieb. Ghall-habta tas-siegha jew siegha u nofs ta' filghodu marru Paceville u marru Footloose fejn iltaqghet ma persuna. Qadet hemm lejl shih sat-tlieta ta' filghodu jew l-erbgha jizfnu mal-hbieb u jiddevertu. Qalet li telqu mid-dar b'zewg taxis u iltaqghu Footloose. Qalet li kienu iktar minn hmistax-il persuna fosthom kien hemm Alba, Victor Palma, Joanna, Eileen, Max, Marcus, Charlie, Antonio u Enrique. Kienu grupp ta' hbieb li kienu ser iqattghu gimgha Malta.

Qalet li meta kienu gewwa Footloose qaghdu jixorbu u jizfnu. Tiftakar li dak il-lejl kienet qed titkellem ma shabha u meta tohrog dejjem tiehu gost titkellem mal-hbieb u ma tafx ezatt x'kienet qaltlu.

Ma tiftakarx kif iltaqghet mal-appellat u lanqas ma tiftakar x'kienet qaltlu. Tiftakar li bdiet titkellem mieghu u li kien speci ta' Iranjan. Kienet mal-bahar *relaxed* u ma kienitx qed tahseb. Qalet li fl-ebda hin ma sforzaha, kienet qed titkellem mieghu kif del resto kienet qet titkellem ma tfajla. Ma kienitx qed tinkwieta fuq xejn. Imbaghad tghid li kollox gara f'daqqa. Kienet fuq il-bajja u imbuttaha mar-ramel u kienet sorpriza u bdiet tghajjat u bdiet tisaqsih '*what are you doing*' u kienet nervuza. Kollox gara ta' malajr meta indunat b'dak li kien ghaddej.

Hi rrimarkat illi '*he did not force me to arrive to the place*'. Mistoqsija allura ma gejtx sfurzata biex tmur fuq il-bajja u twiegeb '*Yes he did not force me till that point, it was like talking normally with someone without expecting anything weird to happen so I just walked with him."* Allura tghid 'she just walked with him freely and voluntarily'.

[5] Fol. 30 tal-atti processwali.

Imbaghad tghid li ma ndunatx dak li kien ser jigri u ma kienitx qed temmen lanqas. Tghid li imbuttaha u bdiet tghajjat u bdiet tistaqsih *'what are you doing' 'why are you doing this' 'I mean why did you push me'*. Tghid li qattalha l-qalziet li kienet liebsa u pprova inehhihulha izda ma rnexxielux ghaliex kienet liebsa il-*converse* taghha. Nizzlilha il-qalziet u ppruvat tiddefendi lilha innifisha. Bdiet ittih u ma fethitx saqajha. Tghid li kellha xi danni f'irkuptejha. Kienet ma l-art twerzaq u tipprova ttih. Beda jistupraha u ma kien hemm hadd hemm u bdiet niezla x-xita ghax kien jum meta kien hemm il-maltemp Tghid li ma kien hemm hadd u meta bdiet tghajjat beda jimbuttalha wiccha mar-ramel. Tghid li rrezistietu izda wara ghaxar minuti spiccat bil-feriti u bil-brix ma wiccha u bil-blat li kien hemm fuq ir-ramel. Ipprova jistupraha u tghid li ghall-ewwel ma kienx hemm penetrazzoni kompluta ghaliex kienet il-hin kollu qed ticaqlaq u tipprova twaqqfu. Ipprovat tiggieled mieghu u tiftakar li kien stramb u kellu 'creepy smile' ghaliex kien il-hin kollu bit-tbissima. L-appellat ma qal xejn qaghad ihares lejha biss. Kompliet tirrezistih u kompla jghamlilha l-feriti u bdiet tghajjat. Imbaghad waqaf meta spicca minn maghha u messilha dirajha u halliha dizorjentata, twerzaq u tibki u ma kientix taf fejn kienet peress li kienet l-ewwel gimgha taghha Malta pero kienet taf kif kellha tasal lura Paceveille. Hi poggiet il-baskett quddiem il-qalziet li kien imqatta.

Mistoqsija x'kienet qed tghid meta bdiet tghajjat hi wiegbet *'I was all the time saying, please stop please stop', why are you doing this to me? I did nothing please stop.* 'Tghid li ppruvat tistaqsi ghall-ghajnuna izda tilfet il-vuci u l-ghada ma setghetx titkellem.

Hija pprezentat il-qalziet li gie mmarkat bhala dok X u irrimarkat li z-zip kien imkisser. Qalet li ppruvat tnaddfu darbtejn. Qalet li kien hu li kisrilha z-zip meta nizzilulha sal-ghaksa u cioe' l'isfel mill-irkoppa. Qalet li fil-parti ta' wara ta' rasha kellha l-feriti u anke fuq ghonqa. Kellha id-demm anke fuq il-qmis li kienet liebsa.

Kellha ugiegh fl-irkoppa u fuq darha. Qalet li imbuttatu 'l hemm u anke gidmitu u kien il-hin kollu jidqilha, kellha diversi haematomas f 'idejha u anke f'subajha.

Mistoqsija xi tfisser li stupraha. Qalet li *'even if I was screaming and asking him not to do it and tried to beat him to go away and I think that is what the rape means'.*

L-appellat telaq jigri u hi qalet li ghamlet minuta tibki u telefon fuqha ma kellhiex. Hi kienet kompletament imxarrba ghaliex kien hemm ix-xita u marret Footloose biex tfittex il-hbieb. Meta waslet sabet lil shabha hemm ghalkemm sabet il-habiba taghha Joanna u din ratha b'wiccha imxarrab. Rat lil Eileen, Max, Marcus, Victor u Estella u dawn kollha pprovaw jikkalmawha. Qaltilhom li xi hadd kien stupraha u qabdu maghha jikkonslawha. Estella qaltilha li kienet ser titlob ghal taxi biex tmur id-dar u flimkien marru id-dar.

Mistoqsija jekk irrapportatx dan l-incident lill-pulizija tghid li iva. Is-sieheb taghha Victor qalilha biex tirraporta l-kaz izda bezghet mill-genituri taghha. Hija kienet f'posizzjoni li tgharrfu u dan qalilha li jaf min kien ghaliex kien raha titkellem mieghu u ma kienx rega' raha. Qal li jaf fejn imur ukoll. Hija marret tfittxu u marret f'post li jismu Qube ma shabha.

Victor kien maghha u rawh hemmhekk. Victor qallha jekk kienitx certa minnu u wiegbet *'I recognised him but I was hundred per cent in that moment, so I went a bit closer and I was completely sure. It was him and I saw his reaction. I looked at him from a distance for three minutes and he saw me and tried to avoid me*. F'hin minnhom xi hadd minn shabu qallu xi haga u hu tbissmilha u hi hassitha paralizzata.

Qalet li dak il-hin hu prova johrog mill-club izda ma setghax ghaliex il-pulizija zammewh. Hija gharfet lill-akkuzat bhala l-istess persuna li marret mieghu fuq il-blat. Mistoqsija kif tkellmet mieghu tghid li bl-Ingliz. Mgharfa li ma jitkellimx Ingliz tghid li bdiet tghid '*Stop Stop Stop.*' Mistoqsija fuq x'hiex tkellmu meta

kienu qed jixmu fuq il-blat qalet li ma setghetx tiftakar xejn salv dak li kien gralha. Qabel l -incident ma tiftakar xejn lanqas jekk kienet qed titkellem mieghu jew le. Lanqas ma tiftakar kif spiccat fuq il-blat tghid li kellha *'a complete blackout'*. Mistoqsija jekk dakinhar xorbtix tghid li iva u li kienet ftit fis-sakra wkoll. Mistoqsija jekk kienx fis-sakra tghid li ma tafx. Mistoqsija jekk fil-fatt kienet hi li nezzat il-qalziet tieghu l-ewwel tghid li le. Mistoqsija jekk kienx minnu li kienet hi li bdiet tinnamra mieghu l-ewwel tghid li le. Mistoqsija kif marret fuq il-blat f'maltemp meta ma riditx ikollha x' taqsam mieghu tghid li ma tafx, forsi ghax kienet fis-sakra. Mistoqsija jekk offrilhiex tixrob tghid li ma tiftakarx.

Tghid li f'hajjitha qatt ma bieset lil xi hadd li ma kienitx taf minn qabel u lanqas ikollha x'taqsam ma xi hadd li ma tafx. Tghid li ma hiex dik it-tip ta' persuna. Tghid li ma hiex razzista u titkellem ma kulhadd. Tghid li jekk dak il-hin qalilha xi haga li ghaliha ghamlet sens kienet tmur mieghu.

Mistoqsija jekk marritx ghand tabib tghid li iva marret u wrietu l-feriti li sofriet. Qalet li meta marret ghand il-pulizija biex tpingi ritratt tal-aggressur taghha ma kienitx daqstant certa minnu, pero meta ratu gharfitu mhux ghax qaliha xi hadd izda gharfitu hi. Qed tigi mistoqsija jekk hux minnu li telqu minn Footloose appuntu biex jaghmlu s-sess izda imbaghad nofs triq rega bdielha, tghid li mhux minnu. Qed tigi mgharfa li kienet hi li qabdet idejn ir-ragel meta harget minn Footloose tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija li fil-verita' kienet hi li marret biex tghannqu u tghid li ma tistax tiftakar. Suggerit lilha li meta ghamlet hekk shabha ma kienux hdejha tghid li ma tafx. Tikkonferma li ma nehhilhiex il-parti ta' fuq ta' hwejjigha. Mistoqsija jekk ghaddietx xi certifikat mediku lill-pulizija tghid li meta marret ghand it-tabib il-pulizija kienu maghha u ghalhekk kienu involuti.

**Estelle Blanc Oheo**[6] xehdet nhar id-29 t' April, 2019 fejn qalet li tiftakar li kien il-lejl tal-21 ta' Frar, bejn is-Sibt u l-Hadd. Spjegat illi dakinhar kien il-birthday ta' Patricia u kienu marru d-dar taghha u xi siegha ta' filghodu kienu marru Footloose. Kienu madwar ghaxra jew hmistax-il persuna. Xi hinijiet Patricia ma baqghetx hemm. Hi tiftakar lil Juana tigi tghidilha li kien gara xi haga lil Patricia. Hi qalet li harget minn Footloose u sabitha barra bil-qieghda u nervuza. Hi ma setghetx titkellem hafna u kull ma qalet xi kelmiet bl-ispanjol li giet stuprata. Hi marret iggib l-affarijiet taghha u ta' Patricia minn Footloose u haditha d-dar taghha fejn kienu huma t-tnejn biss.

Hi spjegat illi ilha taf lil Patricia minn meta giet Malta xi tlett xhur jew erba' xhur qabel. Hi kienet ecitatata u Patricia kienet qed twerzaq u nervuza u ghalhekk assumiet li kien grala xi haga zgur.

In kontro-ezami hi qalet li ma tafx x'hin telqet minn Footloose Patricia u allura ma tafx telqitx ma xi hadd jew hargitx wahidha. Ikkonfermat li Patricia titkellem bl-Ispanjol u bl-Ingliz. Hi tahseb li kienu qalulha dwar Patricia u harget barra hdejha xi l-4.30am izda ma tafx ezatt. Ikkonfermat illi kienet gurnata bil-maltemp u li dakinhar hi hadet lil Patricia d-dar taghha gewwa San Gwann. Hi dahhlitha fil-kamra taghha u telqet il-barra. Hi kienet offritilha sabiex tmur maghha ghand il-pulizija u l-isptar fil-jiem ta' wara izda kienet qaltila li tinsab tajba u l-affarijiet bdew isiru kif ghandhom isiru.

**Joanna Marcus De Almeine**[7] xehdet nhar id-29 t'April, 2019 fejn qalet illi kien il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Frar, 2019, mis-Sibt ghall-Hadd u kien il-birthday ta' Patricia. Spjegat li dakinhar marru d-dar ta' Patricia u xi 1.00am nizlu Paceville u marru Footloose. Kienu grupp kbir ta' madwar hmistax-il ruh. Patricia bdiet tizfen maghhom, izda f'mument minnhom hija telqet. Hi ma rathiex titlaq, imma

[6] Fol. 50 tal-atti processwali.
[7] Fol. 55 tal-atti processwali.

kien komuni ghal Patricia titlaq biex tiltaqa' ma xi habiba mbghad tigi iktar tard. Ghalhekk ma nkwitajniex u qalet jekk imorru x'imkien iehor tavzaha ghax hekk normalment jifthemu.

Kien qed isir il-hin u dehrilha li kellha ticcekja fuqha u harget barra. Kien il-maltemp u nnutata f'kantuniera. Fejn Footloose hemm qisu tarag barra u kienet hemm bilqeghda b'rasha bejn rkubtejha. Kienet liebsa gakketta, jeans u converse. Xaghra kien imxarrab u hi kienet qed titrieghed frizata. Kollox, anke hwejjigha kienu mgerfxin li mhux soltu ta' Patricia. Hi marret hdejha u bdiet tibki u setghet tghid xi kliem bl-Ispanjol biss. Hi kienet tifhem bl-Ispanjol u qaltilha li kienet giet stuprata. Spjegatilha li dan il-guvni kien poggilha id fuq halqha u ohra fuq ghonqa. Izda hi ma setghetx titkellem sew u rragunat illi ahjar ikollha lil xi hadd li jaf bil-lingwa taghha maghha. Hi ghalhekk dahlet Footloose u fl-istat ta' stress li kienet, ippruvat tispjega lil Estelle u Victor ukoll induna minn wicchom li l-affarijiet ma kienux sew u ddecidew li xi hadd kellu johodha d-dar. Irrimarkat li hwejjigha kienu mahmugin, il-gakketta kienet miftuha u xaghrha kien mahmug.

In kontro-ezami hi qalet li wasslu Paceville b'taxi. Ikkonfermat li hwejjeg Patricia kienu mahmuga u li dakinhar kien il-maltemp. Spjegat li Patricia kull ma qalet li kienet giet stuprata minn ragel. Qalet ukoll illi hi ppreferit li jkun hemm persuna li taf titkellem iktar bl-Ispanjol u kkonfermat illi hwejjeg Patricia kienu b'mod u manjiera li bdew jghattu lilha nnifisha ghax kienet mxarrba u bdiet thoss il-bard. Mistoqsija kif waslet id-dar Patricia hi wiegbet illi m'hix 100% imma tahseb li b'taxi. Qalet li hi kienet ipproponiet li ahjar tittiehed id-dar u ghalhekk Estelle marret maghha. Hi marret id-dar ta' Patricia, tlett ijiem wara l-allegat incident.

**<u>Victor Palma Herrero</u>**[8] xehed nhar id-29 t' April 2019 fejn qal li kien il-lejl bejn it-23 u l-24 ta' Frar, 2019. Kien ilu jaf lil Patricia ghal madwar xahrejn u nofs izda

[8] Fol. 60 tal-atti processwali.

ma kienux xi hbieb sew. Dakinhar huma marru ghal festin fid-dar ta' Patricia u xi 1.00am nizlu Paceville fejn marru Footloose u kienu xi hmistax-il ruh. Hu raha tkellem ragel li gharaf fl-awla. Hu raha tkellmu ghal madwar hames jew ghaxar minuti u mbghad telqu minn Footloose. L-appellat kien miexi fuq quddiem, izda ma kienux qed izommu idejn xulxin. Xi 3.00am jew 3.30am giet Joanna gewwa Footloose ghal Estelle u jien imxejt warajhom ghal barra. Rajna lil Patricia bil-qieghda fuq targa barra l-klabb u din kienet qed thares lejn l-art. Hu nnota illi kienet imxarba, bi hwejjigha mahmugin kif ukoll nervuza u mbezza tant li ma setghetx titkellem. Huma ppruvaw jikkalmawa, bdiet tkellimhom bl-Ispanjol u qaltilhom li kienet giet stuprata minn dak ir-ragel. Kienu fthemu li kien ikun ahjar li tmur id-dar u haditha Estelle.

L-ghada hu kellem lil Patricia u qalilha li kellha bzonn tmur l-isptar jew ghand il-pulizija. Hu kien rahom jitilqu flimkien minn Footloose. Kien tkellem ma habib tieghu Malti u qallu sabiex imorru l-isptar ghax hemmhekk ikun hemm il-pulizija wkoll. Il-pulizija hemmhekk qalulhom li kellha tigi ccekkjata mill-infermiera u wara tmur mal-pulizija. Hemm hekk jahseb li ltaqghu ma haddiema socjali u bdew jitkellmu maghha ghal madwar nofs siegha jew siegha, stennew lit-tabib u wara dan tal-ahhar ezaminha, marru mal-pulizija d-dar taghha fejn hadu r-ritratti u anke sahansitra hadu l-qalziet ta' taht taghha. L-ghada regghu marru l-ghassa u xi jiem wara kellhom imorru d-depot gewwa l-Furjana sabiex isir l-sketch tal-appellat mill-pulizija. Kien hu li ikkonvinciha biex taghmel dan kollu ghax konvint 100% li kien hu u ma kienx jaghmel dan kollu kieku ma kienx cert.

Spjega li Patricia ma tridx tmur go dak il-club. Kien gie habib tieghu Sirjan u kienu marru Footloose flimkien u ppruvaw jaraw jarawhx. Patricia dakinhar marret club iehor. Wara xi siegha hu ra lill-appellat gewwa Footloose u qal lil habib tieghu li kien sejjer barra sabiex icempel lill-pulizija u jigu jarrestawh. Il-pulizija kienu qalulu sabiex tigi Patricia u huma jkunu hemm sabiex tgharfu hi. Regghu marru flimkien Footloose u l-appellat gharaf lil Patricia u wara xi hames

jew ghaxar minuti jharsu lejh u kien ser jitlaq mill-club biex jahrab, imma huma kienu iktar spedjanti minnu u l-pulizija gew jarrestawh. Hu qal li hu ghamel sketch mal-pulizija u Patricia ghamlet iehor, separatament.

In kontro ezami ikkonferma li kien sar jaf lil Patricia madwar xahrejn qabel l-accident u li llum huma iktar hbieb 'close' milli kienu dakinhar. Hu dakinhar beda jhares lejha ghax kienet stramba kif hi bdiet titkellem ma dak. Mistoqsi kienx qieghed jghir ghax riedha bhala t-tfajla tieghu, hu wiegeb li kieku kien qed jghir kien imur warajhom izda baqa' fil-club. Ikkonferma li rahom hergin flimkien izda ma bdewx izommu idejn xulxin. Mistoqsi hux normali li Patricia titkellem ma xi hadd iehor, hu wiegeb illi hi tpejjep u xi kultant tohrog mill-club tpejjep. Hu qal li kien ilu jaf lill-akkuzat minn 2018, meta kien ma habib tieghu u bdew jitkellmu u kemm qallu 'hello' biss. L-appellat mhux habib tieghu. Mistoqsi jekk kienx f'pozizzjoni li jesebixxi l-messaggi li baghat lil habib tieghu l-ghada, hu wiegeb illi jekk il-konversazzjoni ghadha fuq il-mobile m'ghandux problema ghax m'ghandu xejn x'jahbi. Hu qal li ma qalilhomx b'dan il-pulizija pero' kien anke lest juri l-messagg li baghat lil siehbu s-Sirjan jistaqsih kienx jaf x'jismu ghax ried li jsibu. Mistoqsi hassx il-bzonn li jmur maghha d-dar wara hu wiegeb fin-negattiv.

**<u>PS 249 Michael Vella</u>**[9] xehed nhar id-29 t' April 2019 fejn spjega illi nhar l-24 ta' Frar ghal habta ta' 8.00 gie nfurmat minn social worker certu Marisa Cannataci illi kienet tinsab l-isptar ma persuna li allegat li giet stuprata. Hu kien mar u tkellem mal-vittma, certu Patricia Morillo Lonzano fejn qaltlu li nhar l-24 ta' Frar, voldieri l-lejl ta' qabel xi 3.00am kienet Footloose u ltaqghet ma dan il-persuna xi 3.00am li kellu madwar erbghin sena, kien Sirjan u kellu qmis checked. Hi bdiet titkellem mieghu gewwa Footloose u xi 4.00am b'xi mod spiccaw fuq il-bajja ta' San Gorg u hemmhekk allegat li dan u cioe' l-appellat imbuttaha mil-art u beda

[9] Fol. 69 tal-atti processwali.

jipprova jistupra. Hi rrezistitu u waqt il-kommossjoni hi taghtu daqqa' ta' ponn f'wiccu kif ukoll gidmitlu idu u meta ma setghetx tirrezistih iktar stupraha. Wara hi marret fejn shabha Footloose, fejn qabdu taxi u marru lura d-dar.

Kienet infethet inkjesta, kienu marru tal-Forensic u hadulha xi ritratti lill-vittma, marru anke fir-residenza taghha u evalwaw l-*underwear*. Gew ikkuntatjati l-efit u cioe' tal-isketch tal-wicc biex jippruvaw jidentifikaw lill-aggressur billi ma kienux ghadhom jafu min hu. Kien baghat email lil-LESA biex jipprova jeleva l-filmati ta' CCTV cameras kemm ta' quddiem Havana u kemm ta' fuq il-bajja fejn allegatament sehh dan il-kaz izda sfortunatament minhabba l-maltempata bhala playback ma kienx available.

In kontro-ezami hu qal li hadd ma mar jaghmel rapport l-ghassa ta' San Giljan izda filghaxija ta' dak l-incident stess gie rrapurtat minn *social worker*. Hu kien mar ikellem lill-allegat vittma u kellimha fil-prezenza tas-social worker. Mal-vittma kien hemm ukoll habib taghha Victor Herrero Palma.

**PS 1320 Shaun Axiaq**[10] xehed nhar l-14 ta' Mejju 2019 fejn qal illi nhar it-8 ta' Marzu, 2019 ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu kien qieghed stazzjonat Paceville fejn kien avvicinah persuna u qallu li gewwa Footloose kien hemm il-persuna li allegatament stupra lil habiba tieghu. Hu kien talbu imur igib il-habiba tieghu sabiex jaraw taghrfux hi wkoll. Hi dahlet u gharrfitu li kien hemm izda x'hin kien qed jikkomunika maghha raw lil dan il-persuna hiereg. Hu zammu fuq il-post u gharrfu bl-arrest tieghu, tah id-drittijiet u eskortah l-ghassa ta' San Giljan. Kien talab li jsir search fuq persuntu, fejn ma kien instab xejn illegali. Gewwa d-dar tieghu, specifikament fil-bagalja tieghu, kien sab ukoll il-qmis checked hekk kif deskritta mill-allegata vittma li hu kien liebes dakinhar tal-allegat stupru. Din il-qmis giet elevata u mghoddija lill-ispettur.

[10] Fol. 74 tal-atti processwali.

Hu kkonferma illi l-ewwel persuna li avvicinatu kienet Victor Herrera Palma u l-allegata vittma kienet Patricia Morillo Lonzano. Pulizija ohrajn li assistew f'din l-investigazzjoni kienu PC 485 u PS 156.

In kontro-ezami hu qal illi meta gie arrestat l-appellat dejjem innega li ma jafx ghalxiex qed jigi arrestat u ma kienx hemm rezistenza min-naha tieghu. Qal li Patricia kienet daqxejn ecitata dak il-hin li ndikat lill-appellat lill-pulizija. Hi nfurmatu li xi xahar qabel kienet involuta f'rape u li kien anke sar rapport l-Ghassa ta' San Giljan. Hu kien ikkonferma dan mal-Ghassa ta' San Giljan. Fl-ahhar hu gharaf lill-akkuzat fl-awla.

**<u>PC 485 Matthew Borg</u>**[11] xehed nhar l-14 ta' Mejju 2019 fejn qal li nhar it-8 ta' Marzu 2019 kien qieghed night watch Paceville mas-surgent tieghu PS 1320. Kienu waqqfuhom zewg individwi Victor Herrera Palma u Patricia Morillo Lozano. Din tal-ahhar kienet qaltilhom illi go Footloose kien hemm individwu li kien stupraha. Kienu talbuha tivverifika billi tidhol gewwa u hekk ghamlet. Hi harget u gharrfithom li kien hemm gew u ftit sekondi wara l-appellat hareg u din ippuntat lejh. Hu gie arrestat, gie moghti d-drittijiet u nizzluh l-Ghassa ta' San Giljan. L-allegata vittma giet taggorna r-rapport u qaltilhom li dakinhar hu kien liebes qmis blu bl-ahmar checked. Fir-residenza tieghu infatti nstabet din il-qmis u wara haduh il-lock-up.

In kontro-ezami hu jghid illi kienet l-allegata vittma kienet marret fuqhom u qaltilhom li kien hemm din il-persuna li kien stupraha u kien qieghed gewwa Footloose.

[11] Fol. 78 tal-atti processwali.

In ri-ezami jikkonferma li kien hemm individwu iehor bl-isem ta' Victor Herrera Palma izda huma kellmu dirett lilha. Fl-ahhar hu gharaf lill-akkuzat fl-awla.

**<u>Marisa Cannataci</u>**[12] xehdet nhar l-14 ta' Mejju 2019 fejn qalet illi nhar l-24 ta' Frar kienu cemplulha minn OPS2 bhal meta jigri f'kazijiet ta' allegat stupru. Hi spjegat illi kienet marret u sabet lil Patricia u habib taghha Victor. Patricia kienet qaltilha illi kmieni filghodu kienu Paceville gewwa Footloose u bdiet tghajjat u harget il-barra sabiex tfittex taxi. Hemmhekk qalet li kien hemm wiehed allegat Sirjan li hareg maghha. Hi hasbet li forsi ser juriha xi taxi sabiex tmur lura d-dar izda minflok hadha l-bajja ta' San Gorg u stupraha. Hi ziedet illi ppruvat tinheles minn tahtu u bdiet ittih, tigirfu u tigdmu izda ma rnexxilhiex tehles minnu. Meta fl-ahhar helset minnu, kien il-maltemp u rritornat Footloose fejn habiba taghha u rritornat lura d-dar. Mistoqsija mill-Qorti 'U dan dejjem x'qaltlek hi?' din wiegbet 'Dejjem x'qalet hi'. Hi qalet li kienu sejhulha xi 6.30pm u marret fuq il-post xi 7.00pm. hi kienet assistita sabiex tmur il-GU clinic u anke laqqatha mad-direttur sabiex isegwu l-kaz u jghinuha psikologikament u legalment. Hi kienet cemplet ukoll lil vice-squad, fejn dawn kienu kkomunikaw mal-Ghassa ta' San Giljan sabiex jigu u jassistuha.

In kontro-ezami hi qalet li kellmet lill-vittma fis-7.00pm.

**<u>Houto Nazmi Khalil</u>**[13] xehed nhar l-14 ta' Mejju, 2019 fejn qal li kien prezenti waqt l-interrogazzjoni tal-appellat meta dan irilaxxa stqarrija u gharaf il-firem tieghu, tal-ispettur u tal-appellat. Hu kkonferma wkoll illi l-akkuzat fl-awla kien l-istess wiehed li rrilaxxa l-istqarrija.

---

[12] Fol. 81 tal-atti processwali.
[13] Fol. 86 tal-atti processwali.

**L-Ispettur Matthew Spagnol**[14] xehed nhar l-20 ta' Mejju 2019 fejn qal li nhar l-24 ta' Frar, 2019 hu kien Spettur duty San Giljan li xi 9.00pm, is-surgent PS 249 kien infurmah illi kienet kellmitu social worker certu Marisa Cannataci fejn infurmatu illi kienet hemm tfajla li allegat li giet stuprata. Is-surgent kien lahaq mar ikellimha u din identifikat ruhha bhala Patricia Morillo Lozano. Hi kienet infurmatu illi bejn 3.00am u 4.am ta' dakinhar stess hi kienet giet stuprata meta kienet Footloose gewwa Paceville, iltaqghet ma persuna u hadha gewwa l-bajja ta' San Gorg. Hi qalet li lil dan ir-ragel ma kienitx tafu izda tiftakar il-fattizzi tieghu. Kien gie nfurmat illi sakemm Patricia marret l-isptar kienet ga nhaslet u haslet hwejjigha barra l-qalziet ta' taht li kien gie prezervat ghall-evidenza. Kienet infethet inkjesta u Victor u Patricia kienu pprovdew skizz tal-appellat.

Nhar it-8 ta' Marzu, 2019 xi 2.00am kien gie nfurmat mis-surgent PS 1320 li kien ghadu kemm arresta lill-appellat li kien identifikat mill-vittma stess. Hu kien ta struzzjonijiet sabiex issir tfittxija gewwa daru fejn gew elevati xi dokumenti kif ukoll il-qmis kif deskritta mill-allegata vittma li hu kien liebes dakinhar tal-24 ta' Frar. Hu gharaf lill-akkuzata fl-awla. Hu kkonferma li kien hadlu stqarrija fil-prezenza tal-interpretu u l-avukat Noel Bianco u kkonferma l-firem fuq l-istess stqarrija.

F'din l-istqarrija[15] l-appellat qal li kien ilu madwar sena u ghaxar xhur Malta izda ma kienx jahdem u lanqas jistudja allura sabiex jghix kienu jghinuh il-qraba u kellu kugini mlahhqin. Qal li f'dak il-perjodu mar xi 10 jew 15-il darba Paceville. Qal li kien mar Footloose fil-lejl tal-24 ta' Frar u mar wahdu. Ghamel xi erba' sieghat hemm. Xi tlett metri mill-bieb ta' barra marret tfajla fuqu u poggiet idha fuq idu. X'hin hareg hi marret fuqu u qaltlu li gejja minn Spanja. Huma marru fuq il-bajja tal-bahar u poggew flimkien. Hi marret fuqu, bdiet tghannqu u nehhiet il-hwejjeg. Hu x'hin ra taghmel hekk hu ghamel l-istess. Hu qal li wara li

[14] Fol.91 tal-atti processwali.
[15] Fol. 11 tal-atti processwali.

nehha l-hwejjeg ma jiftakar xejn iktar. Qal li mhux vera stupraha u li ma jaghmilx dawn l-affarijiet jekk ma tkunx trid hi. Hu jiftakar illi wara li nezghu kellhom x'jaqsmu flimkien u t-tnejn hadu pjacir. Minn hemm hekk hu qal li ma jiftakar xejn kif sab ruhu d-dar u kif kellu l-qalziet in-naha t'isfel imcappas bit-tajn. Wara li lesta mill-att sesswali jghid li ma jiftakarx x'gara u lestiex go fiha jew le. Hu ma kienx liebes protezzjoni ghax ma kienx jaf li ser ikollu x'jaqsam sesswalment. Muri l-qmis li giet elevata mill-appartament tieghu hu qal li jgharafa u li jista' jkun li libisha Paceville fis-Sajf. Dwar it-tfajla qal li bhala tul tlahhaq qisu daqs l-ispalla tieghu izda ma jiftakarx dettalji. Qal li bhala persuna hu jixrob imma ma jiftakarx kemm ha xorb. Ma kien hemm hadd id-dar fejn kien jghix sabiex forsi kien jiftakar kif dan wasal id-dar. Spjega li t-tfajla kienet fis-sakra u anke hu kien fis-sakra. Jaf li hi kienet fis-sakkra ghax meta mxew minn Footloose sal-bajja qabditlu idejh u bdiet tidhak u timxi b'mod li taghtu x'jifhem li kienet ferhana z-zejjed. Qal li gewwa ma kienx kellimha u kien kellimha biss meta kien hiereg u qabditlu idejh. Mistoqsi jekk kienx hemm xi pressure sabiex isir dan l-att sesswali hu qal li kemm ilu Malta qatt ma kien gralu hekk u hu fil-bidu min-naha tieghu ma kien hemm ebda aptit fl-att sesswali izda kif nezghet il-hwejjeg in-natura qamet wahedha.

In kontro-ezami hu qal li waqt l-istqarrija l-appellat kien kalm u konfuz. Hu kkonferma wkoll illi kien tah il-verzjoni tieghu ta' kif kienu graw il-fatti. Hu nehhihielha u hareg u hi baqghet gewwa.

**Dr Nicholas Felice**[16] xehed nhar il-25 ta' Gunju, 2019 fejn qal illi hu specjalista fl-*Obstetrics and Gynaecology* u kien ghassa dakinhar u nvista lil Patrizia Lozano. Hu pprezenta n-noti tieghu u gew rritornati lura sabiex hu jkun jista' jesebixxi rapport.

---

[16] Fol. 100 tal-atti processwali.

Dr Felice[17] rega' xehed nhar it-18 ta' Lulju, 2019 fejn ipprezenta r-rapport tieghu u qal li ma sab ebda evidenza ta' trauma sesswali.

**Dr Marisa Cassar**[18] xehdet nhar il-25 ta' Gunju, 2019 fejn pprezentat ir-rapport taghha u qalet li *in a nutshell* meta ezaminat il-qalziet ta' taht, fil-kampjun taghha kien hemm tracci tal-appellat. Hi ma kellhiex *buccal swab* tal-vittma allura s-samples kienu kollha mhalltin, tieghu u taghha, ghax nofs il-profil qabel dejjem ma tal-appellat.

**WPC 357 Suzanne Vella**[19] xehdet nhar it-18 ta' Lulju, 2019 fejn qalet illi nhar l-24 ta' Frar, 2019 hi kienet giet mitluba tmur l-isptar fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Matthew Spagnol ghax kien hemm vittma ta' stupru sabiex jittihdula xi ritratti hekk kif indikat minn Dr Felice. Prezenti kien hemm il-gynae Dr Felice, in-nurse Maria Concetta Caruana u l-haddiema socjali Marisa Cannataci. Hi kkonfermat bil-gurament r-rapport taghha esebit fl-inkjesta.

**WPC 369 Stephanie Cassar**[20] xehdet nhar it-18 ta' Lulju, 2019 fejn qalet illi nhar l-24 ta' Frar, 2019 hi giet mahtura mill-Magistrat Inkwerenti sabiex taghmel dak ix-xoghol kollu relatat max-xjenza forensika. Xi 11am giet infurmata minn l-Ispettur Matthew Spagnol sabiex tmur gewwa l-fond 48, Sunrise Mansions, 1st Appartment, Triq in-Naxxar, San Gwann. Hi waslet hemm ghal habta ta' 1.50am flimkien ma PC 959 fejn gew mitluba jiffotografaw u jelevaw esebit minn gewwa l-fond. L-allegata vittma ghadditilhom qalziet ta' lewn skur li kien fil-baskett tal-hasil. PC 959 ha hsieb ix-xoghol kollu relatat mal-fotografija. Nhar is-26 ta' Frar, 2019, hi ghaddiet il-qalziet ta' taht lil Dr Marisa Cassar. Hi esebiet ir-rapport taghha u kkonfermat l-bicca li ghamlet hi bhala kontenut tar-rapport.

---

17 Fol. 112 tal-atti processwali.
18 Fol. 102 tal-atti processwali.
19 Fol. 120 tal-atti processwali.
20 Fol. 122 tal-atti processwali.

**PC 959 Daniel Formosa**[21] xehed nhar l-10 t' Ottubru, 2019 fejn ikkonferma r-rapport ipprezentat minn WPC 369 peress li kienu hadmu fuqu flimkien.

**L-appellat Ahmed Hamed**[22] xehed nhar il-5 ta' Novembru, 2020 fejn qal li bejn il-lejl tat-23 u l-24 ta' Frar, 2019 kellu argument mal-ġenituri tiegħu fuq it-telefon li jgħixu s-Sirja. Għalhekk hu mar Paceville u daħal fil-club Footloose u ordna drink. Hu kien waħdu dakinhar u beda jiżfen waħdu wkoll. F'00.00am jew 00.30am hu ddeċieda li joħroġ u jmur id-dar. Xi erba' metri qabel il-bieb ta' barra marret tfajla fuqu u poġġiet idha fuqu. Kien irrabjat, neħħihielha u telaq il-barra. Ma kien hemm ħadd li jafu fil-bar u hu ħareġ il-barra, kien hemm sigġu u ntefa hemm ipejjep sigarett. Din it-tfajla reġgħet ġiet, poġġiet fuqu u bdiet tkellmu bl-Ingliż u għamlet idha fuq spallejh. Bdiet tgħamillu mistoqsijiet sabiex issir taf min hu. Qaltu sabiex imorru d-dar tiegħu u hu rrifjuta. Qalilha jekk vera riedet tkun miegħu, jmorru jimxu barra. Huma bdew jimxu flimkien u qabdu lambranzetta u mxew lejn id-direzzjoni tal-baħar. Huma marru bilqiegħda f'post li kien hemm ġebla kbira. Qagħdu fil-bidu fejn jidħlu l-karozzi u fejn marru huma blat kien hemm. Waqt li kienu qed jitkellmu t-tfajla poġġiet idha fuq il-parti tiegħu. Hi baqgħet xi għaxar minuti b'idha fuq il-parti tiegħu. Hi talbitu sabiex jagħmlu s-sess iżda hu rrifjuta. Kieku ried hekk kien imur id-dar tiegħu. Meta qaltlu t-tieni darba hu aċċetta u neħħew il-ħwejjeġ flimkien. Hi qatgħet il-buttuna tal-qalziet għaliex kif hu qalilha li jaċċetta kellha l-għaġla sabiex tneħħi l-ħwejjeġ għaliex kellha ħafna snanat ġo fiha. Hi poġġiet darha u rasha fuq il-blat. Hu daħħal il-parti tiegħu ġo taghha, iżda mbgħad neħħih għax ma kellux aptit. Hi baqgħet iżommu sabiex ma jneħħihx. Hu saħansitra qal li kellu jimbuttaha minn fuqu. Kien daqsxejn goff għax ma ridx idaħħal il-parti tiegħu ġewwa tagħha. Hu qal li x'ħin ħareġ il-parti tiegħu minn ġo tagħha ħareġ xi nutrijent li waqa' fuq il-qalziet ta' taħt tagħha. Qal peress li hu Musulman dawn l-affarijiet ikkunsidrati dnub iżda hi baqgħet tinsisti. Hi kienet irrabjata u qalilha li ser jilbes ħwejjġu u jitlaq 'l

[21] Fol. 147 tal-atti processwali.
[22] Fol. 198 tal-atti processwali.

hemm. Hwejjighom kienu mcappsa bl-ilma u t-tajn. Huma hargu flimkien fit-triq. Kien hemm il-pulizija fit-toroq u kien hemm karozza tal-pulizija xi 100m il-boghod. Hi qaltlu 'bye' u b'dak li gara ma riedx imur barijiet iktar. Ghaxart ijiem wara, imbghad hu rega' mar u sab il-pulizija fuqu.

L-appellat Ahmed Hamed[23] rega' xehed nhar il-11 ta' Frar, 2021 fejn esebixxa numru ta' ritratti sabiex juri ezatt fejn sar l-allegat reat. Hu kkonferma li ma din it-tfajla hu mar fuq il-blat. Hu qal li t-tfajla qatt ma qaltlu biex jieqaf u qal li wara spicca dan, it-tfajla xtaqet li jsir darb' ohra. Hi kienet mdejqa ghax xtaqet taghmel is-sess ghat-tieni darba izda ma bdietx tibki. Mistoqsi x'kien liebes dakinhar tal-incident hu jghid li kien liebes flok iswed tas-suf u gakketta. B'referenza ghall-qmis li giet esebita hu jghid li dik qmis sajfija u allura ma kienx liebes lilha dakinhar.

In kontro-ezami hu rega' kkonferma illi hu kien bilqieghda barra u t-tfajla giet bilqieghda fuqu u damet xi ghaxar minuti bilq bilqieghda fuqu u qabel hu u hiereg mill-bar, x'hin qabditlu idejh hu nehhihielha. Mistoqsi ghalhekk imbghad kif halliha ghaxar minuti fuqu hu wiegeb 'xi tridni naghmel jien? jiena fil-bidu ma xtaqtx lil din it-tfajla tigi fuqi pero, hi xtaqet li tigi fuqi. Hu qal li kienet xurbana. Mistoqsi jekk ghogbitux bhala tfajla, hu wiegeb li kienet normali u ma kienx qed jahseb kienitx helwa jew le ghaliex kellu d-dwejjaq. Mistoqsi ghaliex ma hadiex id-dar mieghu meta staqsietu qal li kien sar jafha l-ewwel darba u allura ma dehrlux li kellu johodha mieghu d-dar. Minkejja dan accetta li jmur jimxi maghha anke jekk kien il-maltemp. Hu qal izda li ma kienitx xita. Hu qal li ghal bidu rrifjutaha ghax ma kellux l-intenzjoni li jaghmel hekk. Mistoqsi ghala baqa' maghha u ma telaqx hu wiegeb 'Jiena hawnhekk sibt affarijiet normali u ghalhekk kelli naccetta.' X'hin marret fuqu u bdiet tmisslu l-parti tieghu, hu qal li guvni bhal haddiehor u accetta. Mistoqsi jekk kien skomdu kif irnexxilu jahdem

[23] Fol. 207 tal-atti processwali.

bhala ragel hu wiegeb 'Jien nerga' nghidlek, affarijiet normali. Jiena ha nerga' nsemmi li ma hadtx lit-tfajla kontra l-volonta' taghha mill-bar, hi mir-rieda taghha riedet tigi mieghi. Hemmhekk kien hemm hafna nies u kieku hadtha kontra l-volonta' taghha kienet titlob l-ghajnuna lil dawk in-nies li kien hemm fit-triq.

Hu spjega illi xtaq johrog il-parti tieghu minn go fiha izda hi zammitu. Mistoqsi kif irnexxielha zzommu hu qal li l-parti tieghu kienet barra u hi xtaqet tkompli bl-att sesswali u mbuttaha. Mistoqsi kif jiftakar kull fejn jara pulizija u jibqa' jimemorizza hu wiegeb li iva jiftakar. Hu dam ghaxart ijiem ma jerga' jitla' Paceville ghax beda jiddispjacih minhabba r-religjon tieghu. Suggerit illi ma marx Paceville ghax beza' li jarawh il-pulizija u wiegeb li le u li dan mar Paceville u ma bezghax mill-pulizija. Hu rega' kkonferma illi l-buttuna tal-qalziet inqatghet meta t-tfajla bdiet tnehhi l-qalziet. Hu ma jaccetax illi nehhilha l-qalziet kontra l-volonta' taghha. Hu jinnega li hu mbuttaha fuq il-gebla izda hi poggiet fuq il-gebla u ghalhekk saru t-tbengil. Hu spjega illi r-raguni li kienet imdejqa ghaliex fil-bidu ried ikollha x'taqsam mieghu u hu qalilha le u ghalhekk kienet imdejqa wara li waqfu. Hu qal li kienet imdejqa ghax ma ghamlux ghat-tieni darba. Hu qal li huma hargu flimkien fejn it-tarag u hemm hekk kellhom jisseparaw minn ma xulxin. Hu jghid li hu bhall-allegat vittma kien fis-sakra izda ftit wara jghid li hu xorob drinks izda mhux hafna ghaliex jiftakar kollox. Hu ma hassx il-bzonn li jghidilha tnaddaf xaghra mit-tajn ghax kien id-dlam. Hu ma talabhiex in-numru taghha jew fejn toqghod. Mistoqsi jekk zvogax f'din it-tfajla ghax kein imdejjaq hu qal li l-ewwel dwejjaq li kellu kien minhabba l-glieda li kellu mal-genituri tieghu u t-tieni darba fuq li gara bejnu u bejn l-allegat vittma. Mistoqsi 'u ghax kellu d-dwejjaq ghazel li jizvugahom fuq din it-tfajla?' hu wiegeb 'Qallek x'inhu l-affari tieghek li qed tistaqsini din il-mistoqsija?' hu sostna li dak li gara kien bejnu u bejn it-tfajla.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti tixtieq tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Debono</u>**[24] fejn din l-istess Qorti qalet hekk:

> *'**Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali** jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wiehed, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[25] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.*
>
> *In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Thorne</u>**,[26] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-*

---

24 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Settembru, 2021.

25 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

26 Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

*persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi  u tasal ghall-konkluzjoni taghha.*

*F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru* ***l-verita' storika*** *u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.'*

Il-Qorti f'dan il-kaz hija rinfaccjata b'verzjonijiet kunflingenti, dik esposta mill-*parte civile* u l-prosekuzzjoni u cioe' li l-att sesswali bejn l-allegata vittma u l-appellat kien fil-fat stupru u dik proposta appellat li qieghed isostni illi l-att sesswali kien wiehed konsenswali. Din il-Qorti ghamlet ezercizzju fejn ezaminat fid-dettal dak li intqal minn kull xhud migjub jixhed kemm mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiza.

Din il-Qorti m'ghandiex dubbju illi kien hemm att sesswali bejn il-partijiet, izda li jrid jigi determinat jekk dan kienx stupru jew le. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jurgen Zahra**[27] saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pio Pisani) vs Christopher Ellul**[28] intqal hekk fuq ir-reat tal-istupru:

*'Xi jfisser jew x'hinu stupru ?*

[27] Decizafis-26 ta' Settembru, 2019, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[28] Deciza fl-10 ta' Jannar, 2001.

*Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa rape u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe fil-ghaqda ta' gisem ma gisem iehor. Stupru ghalhekk jfisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, ma hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew kkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-hymen u emissjoni ta' semen mhux elementi kostituttivi ta' dan r-reat.*

*It-tieni element essenzjali f'dan r-reat huwa dak intenzjonali u dan irid jissusisti ndipendentement jekk offrietx resiztenza jew le. Jigifieri li mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhix il-volonta, imma irid ikun hemm r- rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din r-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac–cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn l-vittma mhiex persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' resiztenza setghet toffri l-vittma wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.'*

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti nnotat certu diskrepanzi kemm fix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-parte civile, kif ukoll dik tad-difiza u ghalhekk ser taghmel referenza ghalihom. Il-parte civile Patricia Morillo Lozano sostniet fix-xhieda taghha illi dakinhar tal-allegat incident kienu madwar ghaxar jew hmistax-il persuna flimkien gewwa Footloose, u semmithom ukoll bl-isem. Madankollu xehedu biss tlieta minn dawn l-ghaxar jew hmistax il-persuna quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-Qorti kienet tistenna illi anke jekk dawn kienu Malta fuq btala, dawn ix-xhieda kellhom jinstemghu mill-aktar fis quddiem il-Magistrat Inkwerenti, sabiex hekk id-depozizzjoni taghhom tigi ppreservata izda dan sfortunatament ma sarx. L-allegata vittma sostniet illi hi damet tirrezisti lill-appellat ghal madwar ghaxar minuti, madankollu l-espert mahtur mill-Qorti, Dr Nicholas Felice qal li ma sabx evidenza ta' trawma sesswali. Huwa minnu illi din il-Qorti mhux bilfors ghandha tintrabat mal-konkluzjonijiet tal-esperti, izda issibha daqsxejn difficli li temmen illi rezistenza ta' ghaxar minuti ma tirrizulta fl-ebda trawma sesswali.

Oltre minn hekk l-allegata vittma isemmi li gidmet lill-appellat waqt din ir-rezistenza u ghalhekk dan facilment setgha jigi kkonfermat kieku l-appellat gie invistat meta gie arrestat. Filwaqt li l-parte civile taghmel referenza ghar-ramel u xhieda ohrajn tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghall-bajja ta' San Gorg, meta hi gharrfet lill-appellat fl-awla qalet li kien l-istess persuna li marret mieghu fuq il-blat. Min-naha l-ohra l-appellat xehed u sahansitra anke esebixxa xi ritratti illi huma mhux il-bajja ta' San Gorg marru, izda bajja ohra bil-blat. Filwaqt li fil-bidu tax-xhieda taghha l-allegata vittma tghid illi l-appellat ma sfurzahiex sabiex tmur mieghu l-bajja u sahansitra tghid illi bdiet tkellmu normali aktar tard hi tghid li qabel l-incident ma tiftakar xejn **<u>lanqas jekk kienet qed titkellem mieghu jew le</u>**. Lanqas ma tiftakar kif spiccat fuq il-blat tghid li kellha '*a complete blackout*'.

Filwaqt li PS 1320 Shaun Axiaq xehed illi avvicinatu persuna barranija li qallu li gewwa Footloose kien hemm il-persuna li allegatament stupra lil habiba tieghu. Hu kien talbu imur igib il-habiba tieghu sabiex jaraw taghrfux hi wkoll. Min-

naha l-ohra, PC 485 Matthew Borg xehed illi kienet l-allegata vittma li marret fuqhom u qaltilhom li kien hemm dan ir-ragel li kien stupra u kien qieghed gewwa Footloose. Sahansitra, in ri-ezami ikkonferma li kien hemm individwu iehor bl-isem ta' Victor Herrera Palma izda huma kellmu dirett lilha.

L-appellat kien irrilaxxa stqarrija nhar it-8 ta' Marzu, 2019 u rega xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar il-5 ta' Novembru, 2020 u anke nhar il-11 ta' Frar, 2021. Filwaqt illi t-twegibiet li l-appellat irrisponda ghalihom *a tempo vergine* jikkombaccaw fil-maggoranza taghhom ghal dak li xehed quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax xi diskrepanzi wkoll. Mistoqsi waqt l-interrogazzjoni x'ghamlu wara l-att sesswali u jekk lestiex go fiha, hu wiegeb illi ma jiftakarx. Madankollu, hu ta' spjegazzjoni dwar dan meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti u li sahansitra qal li dawn telqu mill-post flimkien u sahansitra qaltlu 'bye' l-allegata vittma. Xehed ukoll illi hariglu nutrijent x'hin hareg minnha u waqalu fuq il-qalziet ta' taht taghha.

Il-Qorti ghalhekk hawnhekk sejra taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Philliane Ceci et</u>**[29] fejn il-Qorti rreteniet s-segwenti fuq il-livell tal-prova:

> *'…Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat,* ***<u>il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha.</u>*** *Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.*

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru, 2021.

***16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[30] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.***

*17. Fil-każ Ingliż* ***Majid****,[31] Lord Moses stqarr hekk:*

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

*18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown[32] jgħidu s-segwenti : -*

***In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court***

[30] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2.
[31] Ibid.
[32] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

***Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.***

*19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali,* ***l-Imħallef William Harding*** *kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju* ***tas-sikurezza.*** *Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** *deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija* ***setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.***

***20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara***

***lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.'*** (enfasi ta' din il-Qorti)

Ghalhekk filwaqt illi l-prova li trid iggib il-prosekuzzjoni hija dik li tkun lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, l-appellat m'hu obbligat igib l-ebda prova izda jekk dan jiddeciedi li jressaq xi prova il-livell li huwa jrid jilhaq huwa dak tal-bilanc tal-probabbilitajiet.

Ghal dawn il-moltivi, b'referenza ghal dak kollu ndikat *supra*, din il-Qorti, ma thossx illi l-livell ta' sikurezza intlahaq lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li tista' ssib htija kontra l-appellat ghar-reat ta' stupru fuq Patricia Morillo Lozano u ghaldaqstant qeghda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontrih u tilliberah minnha.

(ft) Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur